Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 23/2016

**Saviour Fiteni** **(appellant)**

**Vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta Socjali** **(appellat)**

20 ta' Jannar, 2017.

1. Dan il-kaz jitratta dwar ilment li kien ghamel l-appellant mad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali dwar il-pensjoni tal-eta' ghall-perjodu ta' sitt xhur (17 ta' Marzu, 2013 sal-4 ta' Ottubru, 2013). F'ittra datata 17 ta' Jannar 2014 qal:

   *"Ma nafx ghalfejn ser nitlef 6 xhur pensjoni kontributorja (mis-17 ta' Marzu 2013 sa 4 ta' Ottubru, 2013) meta ma kont infurmat b'xejn u meta ccekjajt tawni risposta fin-negattiv. Ma nahsibx li hawn xi hadd li jmur jahdem u jiehu inqas mill-pensjoni kontributorja. Ghalhekk nixtieq li tikkunsidra t-talba tieghi li ninghata l-pensjoni kontributorja mis-17 ta' Marzu 2013 u mhux mil-5 ta' Ottubru, 2013".*

   It-twegiba li nghatat mid-Dipartiment kienet li kellu dritt ghall-pensjoni mill-5 ta' Ottubru 2013 peress li sat-30 ta' Settembru 2013 kien ghadu qieghed jahdem. F'dan ir-rigward saritlu riferenza ghall-Artikolu 64A tal-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318).

   L-appellant appella quddiem l-Arbitru, li b'decizjoni tad-9 ta' Lulju 2016 cahad l-appell wara li osserva li:

   *"Illi jirrizulta li l-appellant inghata l-parir mhux korrett u li a bazi ta' tali parir, l-appellant qatt ma applika ghall-pensjoni li jidher a prima facie dovuta lilu. Filwaqt li l-Arbitru jissimpatizza mal-appellant, il-fatt jibqa' li dan l-appell mhux bazat fuq decizjoni tad-Dipartiment u konsegwentement huwa appell null ab initio*

   *Minkejja dan, l-Arbitru jidderigi lid-Dipartiment sabiex jassigura ruhu li l-Ufficjali fl-Ufficcji Distrettwali li jaghtu informazzjoni lin-nies huma ufficjali li huma a konoxxenza ta' skemi offruti mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali u fin-nuqqas ta' tali pariri ma ghandhomx jinghataw fil-livell tal-Ufficcju Distrettwali izda ghandhom jigu mibghuta lid-Dipartiment innifsu".*

2. Fit-18 ta' Awissu 2016 l-appellant ipprezenta appell quddiem din il-qorti. L-aggravji huma:

   i. Id-decizjoni tal-Arbitru mhijiex motivata bizzejjed.

ii. Id-decizjoni hi kontradittorja. L-Arbitru qal li l-appell hu null u fl-istess hin qies il-proceduri tant li ppermetta li jingabru l-provi.
iii. Id-decizjoni hi nulla ghaliex m'hemmx dikjarazzjoni jekk huwiex jichad it-talba jew kienx qieghed jilqa' l-appell.
iv. L-Arbitru naqas milli jikkunsidra n-negligenza u zbalji li saru mid-Dipartiment. Dan wassal sabiex l-appellant ma nghatax il-pensjoni kontributorja ghall-perjodu li kienet tixraqlu.

3. Fit-13 ta' Settembru 2016 l-appellat wiegeb fejn ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

4. **Fatti.**

L-appellant twieled fl-1952. F'Ottubru, 2013 applika ghall-pensjoni. Sa Settembru, 2013 l-appellant kien ghadu qieghed jahdem. B'ittra datata 25 ta' Marzu 2014, Id-Dipartiment infurmah li ser jithallas il-pensjoni kontributorja mill-5 ta' Ottubru, 2013. Fl-ittra nghad:

*"Hekk kif mitlub mill-Att dwar is-Sigurta Socjali, persuna li taghzel li tircievi l-pensjoni tal-Irtirar wara l-61 sena izda qabel l-eta tal-irtirar, trid tkun temmet kull impieg.*

*Min-naha tieghek, peress li zammejt l-impieg sat-30 ta' Settembru 2013, il-Pensjoni tal-Irtirar tieghek setghet tinghata lilek mill-5 ta' Ottubru, 2013".*

**Konsiderazzjoni.**

5. Kuntrarjament ghal dak li jsostni l-appellant, id-decizjoni tal-arbitru hi motivata. L-Arbitru cahad l-appell minhabba li *"…. l-appell mhux ibbazat fuq decizjoni tad-Dipartiment u konsegwentement huwa appell null ab initio"*. Ovvjament dan irrispettivament taqbilx jew le ma' dik il-fehma.

6. Ovvjament id-decizjoni ttiehdet wara li nstemghu l-partijiet. Il-fatt li l-Arbitru sema' lill-partijiet u wara ddecieda li l-appell kien null, ma fih xejn kontradittorju.

7. Ghalkemm hu minnu li fid-decizjoni tal-Arbitru m'hemmx dikjarazzjoni espressa li kien qieghed jichad l-appell tal-appellant, pero' hemm dikjarazzjoni li **l-appell hu null**. Il-qorti ma tqiesx li kien hemm bzonn ta' xi dikjarazzjoni ohra. Hu ovvju li l-appell gie michud.

8. Dwar l-ilment li l-Arbitru naqas milli jikkunsidra n-negligenza tad-Dipartiment, dan l-aggravju ma jregix. Ladarba l-Arbitru kkonkluda li l-appell hu null, ma kellux bzonn jidhol fil-meritu tal-kaz. Pero' f'kull kaz l-appellant m'ghandux ragun. Skont l-artikolu 64A tal-Kap. 318, sabiex persuna tircievi l-pensjoni ta' 61 sena u dan qabel tilhaq l-eta' pensjonabbli (62 sena fil-kaz in ezami), hu essenzjali li *"… dik il-persuna ma tkunx ghadha qeghda taghmel xoghol bi*

*qligh"*. Fil-kaz tal-appellant irrizulta li huwa waqaf jahdem f'Settembru 2013. Irrispettivament ta' x'seta ntqal lill-appellant meta mar fl-ufficcju tad-distrett, id-decizjoni trid tkun skont il-ligi. Apparti li l-appellant qatt ma identifika min kienu l-ufficjali tad-Dipartiment li suppost tkellem maghhom u li suppost qalulu li ma jafu xejn dwar hlas ta' pensjoni kontributorja mal-eghluq ta' 61 sena[1], jekk ghandu xi pretensjoni ghad-danni li seta' sofra minhabba taghrif zbaljat li seta' nghata minn ufficjali tad-Dipartiment, dik hi materja li trid tigi trattata f'proceduri ohra. Meta l-appellant applika ghall-hlas tal-pensjoni kontributorja, inghata l-pensjoni skont il-ligi. Li kieku l-appellat tah il-pensjoni b'sehh mis-17 ta' Mazu 2013 kien jaghmel att *ultra vires* ghaliex dak iz-zmien l-appellant kien qieghed jaghmel xoghol bi qligh, u ghaldaqstant skont l-artikolu 64A ma kienx intitolat ghall-pensjoni kontributorja qabel jilhaq l-eta pensjonabbli (62 sena). Ghalkemm l-appellant invoka l-principji tal-ekwita u l-gustizzja, dan ma jfissirx li min irid jiddeciedi jaghlaq ghajnejh u jiskarta dak li tghid il-ligi. Hekk kien jaghmel l-appellat kieku beda jhallas il-pensjoni kontributorja b'effett minn Marzu 2013.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.

[1] L-inqas li l-appellant kellu jaghmel kien li jsemmi b'isihom l-ufficjali li suppost tkellem maghhom u li allegatament kienu zgwidawh. Dan minkejja li mid-decizjoni tal-Arbitru hu evidenti li emmen il-verzjoni tal-appellant li kien inghata parir mhux korrett minn ufficjali tad-Dipartiment, tant li qalha espressament.